MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru. 271/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C Spiteri)**

**vs**

**Richard Cuschieri**

Kumpilazzjoni Numru: 271/2008

Illum 23 ta’ Gunju 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Richard Cuschieri, ta’ 34 sena, iben Saviour u Josephine nee’ Sant, imwieled Awstralja nhar il-25 ta’ Gunju, 1973, u residenti fil-fond Odehom Court, Flat 2, Canridge Flats, Sqaq il-Ghajn, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 481789M.

Akkuzat talli fl-4 ta’ Marzu, 2007, ghal habta ta’ 8 ta’ filghaxija minn gewwa Triq taz-Zwejt, San Gwann, ikkommetta serq ta’ gaffa tal-ghamla Tohatsu, minghajr numri tar-registrazzjoni ghad-dannu ta’ Ludwig Dimech u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, liema valur jeccedi l-elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u hamsin centezmu (€2325.58) u bix-xorta ta’ haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, f’ Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, u xjentement, b’ kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi tal-Qorti u dana ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 334(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u jirrizultaw ampjament.

Illi Charles Dimech kien propjetarju ta’ gaffa li kienet mikrija lil ibnu Ludvig Dimech. Darba f’ Marzu 2007 kien is-Sibt fil-ghaxija Dimech halla din il-gaffa ipparkjata f’ taz-

Zwejt San Gwann; l-ghada fil-ghaxija persuna li toqghod fit-triq fejn thalliet il-gaffa, propju hdejn il-gaffa innota zewg irgiel wiehed f'Pajero Mitsubishi li kellha l-magna imqabbda u ragel iehor qed jipprova jistartja il-gaffa. Din il-persuna bdiet tissusspetta li kienet ser tinsteraq il-gaffa u cemplet lill-pulizija pero l-gaffa lahqet insterqet.

Illi din il-gaffa eventwalment spiccat fil-pussess ta'l-imputat li jghid li xtraha minghand certu Leon Agius. Wara ftit xhur l-imputat biegh il-gaffa lil Lawrence Borg u Jason Sammut bhala parti minn negozju akbar bejniethom.

Illi fil-21 ta' Frar 2008 Lawrence Borg kien qed isuq il-gaffa fi triq fejn inserta kien hemm Ludvig Dimech li gharaf il-gaffa tieghu ghalhekk huwa waqqaf lil Borg u ssejhu l-pulizija.

Illi Leon Agius jinnega li huwa qatt kellu gaffa, jinnega ukoll li qatt biegh xi gaffa lill-imputat; hu jghid ukoll li ghalkemm ghamel xi zmien jahdem ma'l-imputat fil-perjodu in kwistjoni, huwa ma jafx li l-imputat kellu gaffa.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinvju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali huma dawk ta' ricettazzjoni, li naqas li jinforma lill-pulizija malli sar jaf li oggett fil-pussess tieghu kien oggett misruq u li huwa recidiv.

Illi m'hemmx dubbju li l-gaffa li kellu fil-pussess tieghu l-imputat kienet misruqa. Il-kwistjoni li trid tigi rizolta f'dan il-kaz hija jekk il-verzjoni mghotija mill-imputat dwar kif gie fil-pussess tal-gaffa hiex wahda kredibli u verosimili u jekk l-imputat kien jafx jew setghax jissoponi, meta  dik il-gaffa giet f'idejh, li kienet misruqa.

Illi l-problema f'dan ir-rigward hija li l-unici zewg xiehda prodotti li setghu jitfaw dawl fuq kif effettivament l-imputat akkwista l-gaffa huma l-istess imputat u Leon Agius. Il-verzjonijiet mghotija minn dawn iz-zewg persuni pero huma konfliggenti ghall-ahhar. Naturalment il-verzjonijiet

mghotija minn dawn iz-zewg persuni ridu jigu evalwati fil-kuntest tal-provi l-ohra kollha prodotti.

Illi huwa principju stabbilit li fil-waqt li l-prosekuzzjoni ghandha tressaq provi ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli dwar ir-reita ta’l-imputat, dan da parti tieghu ghandu l-oneru li jipprova dak li jallega fuq bilanc ta’ probabilita. Tenut kont ta’ dawn il-prinicipji fundamentali, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz inkluz x’uzu ghamel mill-gaffa l-imputat u kif wasal biex iddispona minnha l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova ‘l hemm minn  kull dubbju ragonevoli r-reita ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------